MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 28/2014

**Ballut Blocks Services Ltd**

**Vs**

**Unibuild Company Limited**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fil-15 ta’ Jannar 2014 l-attrici talbet il-hlas ta’ sitta u tmenin elf tmien mija u tnejn u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€86,852.75) bilanc ta’ prezz ta’ materjal ta’ bini li nbiegh lill-konvenuta bejn it-13 ta’ Novembru 2007 sal-1 ta’ Ottubru 2010 (ara dokumenti a fol. 8 *et seq*).

Il-konvenuta baqghet kontumaci. Fis-seduta tat-28 ta’ Frar 2014 deheret Yolanda Grixti li kienet irceviet l-atti u ddikjarat li m’hijiex direttur tal-kumpannija konvenuta u lanqas ma tokkupa kariga fil-kumpannija. Madankollu waqt is-seduta tal-lum irrizulta

li Yolanda Grixti hi segretarja tal-kumpannija konvenuta (ara Dok. A prezentat illum). Id-difensuri tal-konvenuta kkonfermaw li fir-Registru tal-Kumpannija Yolanda Grixti ghadha registrata, sal-lum, bhala segretarja tal-kumpannija. Ghalhekk jidher li n-notifika hi valida (Artikolu 187(4) tal-Kap. 12).

Semghet lil Etienne Zammit jixhed u jikkonferma li sal-lum il-hlas ghadu dovut.

**Billi t-talba tal-attrici tirrizulta li hi gustifikata u meqjusa li l-kumpannija ma ddefenditx ruhha, tilqa' t-talba u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' sitta u tmenin elf tmien mija u tnejn u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€86,852.75) bl-imghax kif mitlub. Spejjez a karigu tal-konvenuta**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------